MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2014

Numru. 95/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**JOSHUE AGIUS**

**(ID: 0480789M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOSHUE AGIUS** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0480789 (M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fid-29 ta' Dicembru, 2013, fi Triq Concetta Borg Valleja Qormi ghall-habta tal-hamsa u kwart ta' filghaxija (17.15hrs) volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor bili ghamel hsara volontarjament fuq vettura tat-tip Peugeot 306 bin-numru ta' registrazzjoni NUX 019 u liema hsara hija ta' 'il fuq minn Euro 111.47 izda mhux aktar minn Euro 1,164.69 ghad-dannu ta' Eleno Cassar minn Hal Balzan.

U aktar talli huwa recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Novembru 2009 (per Magistrat Antonio Mizzi) liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom certifikat tat-twelid, fedina penali, dikjarazzjoni tar-rifjut, okkorrenza, stqarrija stima, ritratti, zewg dokumenti esebiti mir-rapprezentant tat-Transport Malta u l-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 27 ta' Jannar 2014 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar it-22 ta' Lulju 2014 (fol. 26) liema ezami sar ai termini ta' l-artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014.

Semghet lil Dr Edward Gatt ghall-kwerelant Eleno Cassar jiddikara li qieghed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali kull fejn hu rinunzjabbli u jiddikjara li m'ghadx ghandu interess f'dawn il-proceduri. Dr Gatt zied jghid fl-istess verbal tas-17 ta' Novembru 2014 li f'kaz li l-azzjoni mhix rinunzjabbli l-istess Eleno Cassar qieghed jahfer lill-imputat ghal ghemilu. Inoltre iddikjara li l-vettura NUX 019 mhix proprjeta' ta' Eleno Cassar u minn informazzjoni li ghandu sid din il-vettura gie mhallas tal-ispejjez tieghu.

Rat l-atti tal-kawza u appuntu x-xhieda ta' **Stephen Cachia** li xehed ghan-nom u in rappresentanza ta' Transport Malta jghid li l-vettura numru ta' registrazzjoni MUX 019 hija tal-ghamla Peugeot 306 u li fl-20 ta' Dicembru 2013 din l-istess vettura kienet registrata f'isem Anthony Tanti u dan ghan-nom ta' Topper Auto Dealer. Jghid ukoll li din il-vettura ilha hekk registrata fuq din il-persuna sa mit-12 ta' Novembru 2012.

Illi ghalhekk a bazi ta' din ix-xhieda din il-Qorti hija tal-fehma li l-akkuza odjerna ma tistax tirrizulta ghaliex effettivament jekk id-danni li gew kagunati saru fuq din l-vettura kif allegat fl-akkuza zgur li ma kienx Eleno Cassar li sofra dawn l-istess danni u ghalhekk zgur li mhux il-persuna sabiex jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali u wisq inqas li jahfer lill-imputat ghal ghemilu.

Illi ghalhekk fid-dawl li gie elevat minn din il-Qorti l-akkuza odjerna ta' hsara volontarja ghad-detriment ta' Eleno Cassar ma tirrizultax. L-akkuza sekondarja li hija ta' recidiva konsegwentment ma tistax tirrizulta lanqas.

**Ghaldaqstant din il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikoli 49, 50 u 325(b) tal-Kodici Kriminali u tiddeciedi li tillibera lill-imputat JOSHUE AGIUS minn kull imputazzjoni u piena.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------